# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 28 ta' Gunju, 2017**

**Talba Nru: 185/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Victor Formosa**
**(750651(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 t' April, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u wiehed u disghin

ewro u tlieta u sittin centezmi (€991.63) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40326039 bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1973/15 u bl-imghaxijiet legali sa mid-29 t'Ottubru, 2015 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-26 ta' Mejju, 2017 u ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda ta' rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum stess li permezz taghha kkonfermat is-somma mitluba bhala dik li ghadha dovuta mill-konvenut u li, aktar minn hekk l-ammont dovut zdied in vista ta' spejjez legali ulterjuri.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat il-konvenut naqas milli jattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-konvenut sal-gurnata tal-lum.

Illi tali ammont jirrizulta wkoll mill-provi dokumentali prezentati mill-istess socjeta` attrici flimkien mal-avviz.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija sodisfacentement ippruvata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija u wiehed u disghin

ewro u tlieta u sittin centezmi (€991.63) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40326039 bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1973/15 u bl-imghaxijiet legali sa mid-29 t'Ottubru, 2015 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**